**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Awwissu 2022**

Rikors Numru: 222/22 AL

A B

vs

C D

(M. R. Numru 1579/1990)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf disa mija u disghin (1990) fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt Valletta u dan skont iċ ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".

2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B";

3. Illi għalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erbgħa (4) snin separati de facto;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u disghin (1990) fil knisja parrkojali ta' San Pawl il-Belt Valletta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi l-esponent ma jopponix ghat-talba ghad-divorzju.

2. Ghal din it-talba tar-rikorrenta, l-esponent m'ghandux jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, liema spejjez ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mir-rikorrenta.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Gunju 2022;

Rat illi r-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Mejju 2003;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.